**13 ta' April, 1961**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**
Andrea Camilleri
*versus*
Giuseppe Grech

**Interess — Bord tal-Kera — Ritrattazzjoni — Dikjarazzjoni — Ġurament Falz.**

*Hi ġurisprudenza kostanti illi rekwiżit imprexindibbli ta' kull azzjoni hu l-interess f'min jipproponiha; liema nteress għandu jkun mhux ipotetiku, imma konkret u sussistenti di fronti għal dak li jiġi magħżul mill-attur bħala kontradittur leġittimu.*

*U fil-prattika ġudizzjarja tagħna mhumiex projbiti domandi diretti għall-otteniment ta' dikjarazzjonijiet pre-ordinati għal domanda oħra definittiva u finali, avvolja din id-domanda ma tkunx dedotta in ġudizzju. Però hemm bżonn li l-Qorti tkun soddisfatta li hemm dak l-interess, anki preordinat għal kawża oħra, u li dik id-dikjarazzjoni hekk ottenuta tkun tifforma l-bażi ta' kawża oħra li tista' ssir fil-futur.*

*Għaldaqstant, billi domanda għar-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża mill-Bord tal-Kera għandha tiġi akkordata minn dak il-Bord, u fil-każ biss li dak il-Bord ikun soddisfatt millmotiv li jiġi addott għar-ritrattazzjoni, huwa inutili li wieħed jitlob u jottjeni mit-tribunal ordinarju dikjarazzjoni li depożizzjoni mogħtija quddiem il-Bord tal-Kera, u li fuqha hija bażata s-sentenza ta' dak il-Bord, hija falza; għax*

*dikjarazzjoni simili, intiża biex fuqha dak li jkun jitlob ir-ritrazzjoni ta' kawża quddiem dak il-Bord, ma tiswielu xejn u ma hija ta' ebda riżultament utili għalieh, billi għall-finijiet minnu voluti, ċjoè r-ritrattazzjoni tal-kawża, din il-kwistjoni trid tiġi delibata u deċiża mill-Bord tal-Kera.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jippremetti illi fir-rikors numru 576/1959, preżentat mill-konvenut kontra tiegħu quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, il-mara tal-konvenut, Teresa, xehdet li hu kien issulloka l-post numru 29 Bridge Street, Mosta, li kien mikri għandu, lill-Club tal-Football biex il-kumitat jiltaqa' hemm (dok. A); u illi l-Bord li Jirregola l-Kera, b'sentenza tat-12 ta' Lulju 1960 (dok. B), laqa' t-talba tar-rikorrent, konvenut f'din il-Kawża, u dan minħabba d-depożizzjoni ta' Teresa Grech, mart il-konvenut; u illi d-dikjarazzjoni ta' mart il-konvenut hija assolutament falza; jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħti kull provvediment opportun, u prevja d-dikjarazzjoni li hu qatt ma ssulloka l-imsemmi post Bridge Street numru 29, Mosta, lill-Kumitat tal-Football tal-Mosta, jiġi dikjarat u deċiż minn din il-Qorti li d-depożizzjoni ta' Teresa Grech, mogħtija quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fis-seduta tat-3 ta' Mejju 1960, hija falza. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat id-digriet tat-22 ta' Novembru 1960, li bih ġiet imsejħa fil-kawża Teresa Grech;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar il-preġudizzjali tal-"carenza di interesse" fl-attur, opposta mill-konvenuti;

Illi l-attur jippretendi li l-konvenut ottjena mill-Bord li Jirregola l-Kera d-deċiżjoni ndikata fiċ-ċitazzjoni b'konsegwenza ta' dikjarazzjoni falza magħmula mill-konvenut permezz tal-mara tiegħu Teresa, il-kjamata fil-kawża, xhud tiegħu f'dik il-kawża, u qiegħed jitlob li jkun hemm deklaratorja minn din il-Qorti fis-sens minnu pretiż;

Kif tajjeb jissottomettu l-konvenuti, l-attur ma attakkax id-depożizzjoni ta' Teresa Grech quddiem il-Bord tal-Kera, għalkemm kellu l-opportunità kollha li jagħmel hekk permezz ta' xhieda li evidentement hu kien inġunġa għal dan l-iskop, billi l-istess xhieda, jew aħjar tlieta minnhom, hu nġunġihom biex jixhdu f'din l-kawża appuntu biex bihom jattakka dik id-depożizzjoni. Hu kellu din l-opportunità; għaliex, kif jirriżulta mill-atti ta' dik il-kawża Teresa Grech xehdet fis-seduta tat-3 ta' Mejju 1960, meta l-kawża ġiet differita għall-5 ta' Lulju sussegwenti "biex jispiċċaw il-provi kollha". F'din l-aħħar data, però, l-attur, intimat f'dik il-kawża, ma ressaqx, u lanqas seta' jressaq dawn il-provi, għaliex meta ġie msejjaħ ma deherx, u lanqas ma deher l-avukat tiegħu, u fuq talba tal-konvenut odjern, rikorrent f'dik il-kawża, li nsista għas-sentenza, il-kawża ġiet differita għat-12 ta' Lulju 1960, meta l-kawża ġiet deċiża. L-attur lanqas ma nterpona appell minn dik id-deċiżjoni, u lanqas ma pprevalixxa ruħu mid-dritt li jitlob ir-ritrattazzjoni ta' dik il-kawża, li hu kellu, fuq il-motiv minnu pretiż, a tenur tal-art. 43 tal-Kap. 109 tal-Liġijiet ta' Malta (Ediz. Riv.). Dan hu naturali, għaliex, kif xehed l-attur, hu ma kienx jaf bid-differiment tal-kawża quddiem il-Bord tal-Kera, u lanqas ma kien jaf li l-kawża kienet ġiet deċiża ħlief żmien ferm wara. Hu jgħid li għal dik il-kawża kien deher darbtejn, ċjoè darba fit-12 ta' Jannar u darb'oħra f'xi ġurnata ta' Frar 1960. L-attur mhux korrett f'din iċ-ċirkustanza, għaliex mill-atti tal-istess kawża jirriżulta li għaliha kienu nżammu sitt seduti, kompriża dik meta ngħatat id-deċiżjoni, ċjoè fis-27 ta' Ottubru u fid-29 ta' Diċembru 1959, u fl-10 ta' Marzu, fit-3 ta' Mejju, fil-5 u fit-12 ta' Lulju. Seduti f'Jannar u fi Frar 1960 ma nżammux. Minn hekk isegwi li l-attur ma attenda għal ebda waħda mis-seduti li nżammu għal dik il-kawża. Kwindi hu ma wera li għandu ebda nteress li jikkontesta d-domanda tal-konvenut fl-istess kawża, billi ma għamelx ħaġ'oħra ħlief ħarrek tliet xhieda — u dan fit-13 ta' Ottubru 1959 — li mbgħad naqas li jipproduċihom biex jagħtu x-xhieda tagħhom. Konsegwentement l-attur ma kellux, jew almenu ma weriex li kellu, interess li jattakka l-provi tal-konvenut fil-kawża msemmija, fosthom id-depożizzjoni ta' Teresa Grech, fiż-żmien utili, u għalhekk ma jistgħax

jiġi kunsidrat li għandu dan l-interess issa, wara li għadda ż-żmien imsemmi;

Illi hi ġurisprudenza kostanti li rekwiżit imprexindibbli ta' kull azzjoni hu l-interess f'min jipproponiha; liema nteress ma għandux ikun ipotetiku, imma jrid ikun konkret u sussistenti di fronti għal dak li jiġi magħżul mill-attur bħala kontradittur leġittimu. Fid-dibattitu orali ġie mill-attur sottomess li d-deklaratorja ta' falsità minnu allegata tad-depożizzjoni ta' Teresa Grech, kjamata in kawża, hu qiegħed jitlobha biex f'każ ta' eżitu favorevoli jkun jista' jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawża ndikata fiċ-ċitazzjoni;

Fil-prattika ġudizzjarja tagħna mhumiex projbiti domandi diretti għall-otteniment ta' dikjarazzjonijiet preordinati għal domanda oħra definittiva u finali, avvolja din id-domanda ma tkunx dedotta in ġudizzju; però hemm bżonn li l-Qorti tkun soddisfatta li hemm dak l-interess, anki pre-ordinat għal kawża oħra, u li dik id-dikjarazzjoni hekk ottenuta tkun tifforma l-bażi ta' kawża oħra li tista' ssir fil-futur. Fil-każ in diżamina mhux f'kuntrast li d-domanda għar-ritrattazzjoni għandha ssir quddiem il-Qorti li tkun tgħat is-sentenza attakkata, u kwindi, f'dan il-każ, quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, kif del resto jinsab dispost fl-artikolu tal-liġi fuq imsemmi. Kwindi jispetta lil dan il-Board li jakkorda r-ritrattazzjoni tal-kawża li jrid jitlob l-attur, u fil-każ biss li l-istess Bord ikun soddisfatt mill-motiv li jiġi addott mill-attur għal dak l-iskop. Konsegwentement, dan il-motiv għar-ritrattazzjoni jrid f'dan il-każ jiġi delibat mill-Bord imsemmi; ċjoè l-istess Bord. biex jakkorda r-ritrattazzjoni, ma jikkuntentax b'dikjarazzjoni mogħtija minn Qorti oħra bħala formanti l-bażi għal dik ir-ritrattazzjoni. imma l-motiv addott għar-ritrattazzjoni jrid jiġi dikjarat li hu validu, u li jagħti lok għar-ritrattazzjoni tal-kawża mill-Bord stess. Hu għalhekk mutili li l-Qorti tiddeċidi l-kwistjoni jekk id-depożizzjoni ta' Teresa Grech riferita fiċ-ċitazzjoni hijiex falza, ladarba l-istess deċiżjoni ma sservi xejn u ma hija ta' ebda riżultament utili għall-attur, billi għall-finijiet minnu voluti, ċjoè

r-ritrattazzjoni tal-kawża, din il-kwistjoni trid tiġi delibata u deċiża mill-Bord li Jirregola l-Kera;

Dan kollu jingħad apparti mill-kwistjoni jekk l-attur jistgħax jottjeni r-ritrattazzjoni tal-kawża msemmija, ladarba hu ilu jaf, jew bid-debita diliġenza, u kieku kellu interess hu messu jkun jaf, bil-falsità minnu pretiża, tad-depożizzjoni ta' Teresa Grech, minn mindu din xehdet f'dik il-kawża, ċjoè fit-3 ta ' Mejju 1960 (dok. A fol. 4), jew ferm iżjed minn tliet xhur qabel il-preżentata taċ-ċitazzjoni odjerna. U ladarba dik id-depożizzjoni falza, kif hu jallega, hu jrid jattakkaha bid-depożizzjoni ta' tliet persuni, ċjoè John Vassallo, Anthony Micallef u Charles Mulvaney, li hu ma kienx jaf bihom wara li ġiet mogħtija d-depożizzjoni ta' Teresa Grech jew wara li ġiet profferita s-sentenza mill-Bord li Jirregola l-Kera, imma ilu jaf bihom ferm qabel, ċjoè almenu mit-13 ta' Ottubru 1959, billi f'din id-data kienet ġiet milqugħa mill-istess Bord it-talba tiegħu għall-inġunzjoni ta' dawn it-tliet xhieda, u, kif ġie ritenut, jekk il-parti tkun naqset li ġġib xi prova għan-negliġenza tagħha, ma tistgħax, wara li jkun hemm sentenza li għaddiet f'ġudikat, tmur għar-rimedju tar-ritrattazzjoni (Vol. XXXI-I-231);

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-preġudizzjali fuq imsemmija, opposta mill-konvenut, billi tiddikjara li l-attur ma għandux interess ġuridiku li jagħmel din il-kawża, u konsegwentement tillibera lill-konvenuti *mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż* kontra l-attur.